# 200 sena minn Twelidu, l-Urna ta' Dun Bosco żżur lill-Isla:

## *Ħolma li għadha għaddejja…*

**Fr. Aurelio Mulè Stagno *SDB***






L-urna bil-fdalijiet tiegħu kienet ilha ddur id-dinja xi ħames snin, bħala tħejjija għall-mitejn sena mit-twelid tiegħu (16 t'Awwissu 1815). Issa kienet ser iżżur lil Malta, ftit xhur biss qabel l-għeluq tal-biċentenarju. U minn fejn kellha tibda ż-żjara tagħha? Iva, proprju mill-Isla, fejn is-Salesjani f'Malta waqqfu l-aktar komunità reċenti tagħhom seba' snin ilu, fl-2008. Dik l-Isla li offriet lil Dun Bosco mhux biss merħba sabiħa iżda wkoll wieħed mis-simboli l-aktar rikonoxxibbli ta' Malta għal-*logo* uffiċjali taż-żjara tiegħu: il-Gardjola.

**Filgħodu: iddedikat lit-tfal**

Wara ħafna tħejjijiet u ppjanar għal dawk l-erbat ijiem li kellha tiġi l-urna fil-Gżejjer Maltin (14 - 17 ta' Mejju), wasal il-jum mistenni: il-Ħamis filgħodu, 14 ta' Mejju 2015. Ftit ftit il-Bażilika tal-Vitorja bdiet timtela' bi grupp wara l-ieħor ta' tfal minn diversi skejjel. Flimkien ma' dawk tal-Primarja tal-Isla kienu preżenti oħrajn, fosthom Bormla Primary, Raħal Ġdid Primary 'B' u St. Francis ta' Bormla. It-tfal huma hu deħlin fil-knisja, waqt li stennejna l-wasla tal-urna, żammejna l-attenzjoni ta' dawk preżenti ffukata permezz ta' kant addattat għalihom u xi preżentazzjoni awdjo-viżiva. Meta l-urna sa fl-aħħar waslet, imħeġġin mill-






*Il-logo uffiċjali taż-żjara tal-Urna ta' Dun Bosco*







*Tfal minn diversi skejjel għal din l-okkażjoni taż-żjara tal-urna ta' San Giovanni Bosco*

istess Arċipriet, il-Kan. Dun Robin Camilleri, it-tfal kollha nfexxew f'ċapċip, tixjir ta' bnadar u għajjat ta' merħba li baqa' jidwi għal żmien twil mhux ħażin.

Wara din it-turija ta' entużjażmu, l-atmosfera nqalbet ħelu ħelu għal waħda ta' ġabra u talb, ta' smigħ u parteċipazzjoni, fejn għal xi nofs siegħa, it-tfal setgħu jifhmu aħjar min kien dan Dun Bosco; kemm kellu għal qalbu l-ġid tat-tfal u xi ħwejjeġ sbieħ wettaq Alla f'ħajtu. Il-mument mat-tfal intemm billi lkoll ingħataw l-opportunità joqorbu lejn l-urna wieħed wara l-ieħor u jsellmu waħda tal-aħħar lill-qaddis tat-tfal u ż-żgħażagħ. Bla dubju dan kien mument li għad jibqa' minqux fl-imħuħ u fil-qlub ta' ħafna minnhom. Min jaf jekk il-Mulej għadx jinqeda b'din l-esperjenza unika biex isemma' leħnu u jsejjaħ lil xi ħadd minnhom għal warajh, bħalma kien għamel mal-istess Ġwanninu Bosco?



*Dun Giovanni Bosco – Il-qaddis tat-tfal u ż-żgħażagħ*

Għal ftit sigħat, l-urna baqgħet fil-knisja għal ħin kwiet ta' talb u venerazzjoni tal-poplu, speċjalment ta' diversi reliġjużi mill-inħawi tal-Kottonera u madwarha. Dan sakemm wasal il-ħin li Dun Bosco jittieħed għal ftit sigħat f'post għalih wisq għażiż: il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Waqfa sinjifikattiva ferm, meta tqis li waħda mill-ewwel esperjenzi ta' Dun Bosco bħala qassis żagħżugħ kienet proprju dik li jżur regolarment il-ħabs minorili f'Turin... esperjenza li għenitu mhux ftit sabiex isawwar dik li kellha ssir il-missjoni tiegħu qalb it-tfal u ż-żgħażagħ.

### Filgħaxija: il-qima tal-poplu Senglejan u ta' ħbieb minn Malta kollha

Mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, l-urna nġiebet lura lejn l-Isla, sabiex mis-7.00 ta' filgħaxija jibda korteo minn quddiem il-Bażilika ta' Marija Bambina għal dik ta' San Filippu Neri, jew Porto Salvo, li issa jieħdu ħsiebha s-Salesjani. Il-manifestazzjoni tmexxiet mis-*Salesian Brigade* li bil-banda tagħha offriet nota ta' briju. Ma' dawn alternaw ruħhom siltiet u frażijiet ta' Dun Bosco moqrija, kif ukoll kant lil dan il-qaddis, kant li numru ta' nies kienu issa bdew jidraw u tgħallmu fil-jiem ta' preparazzjoni.

Il-quddiesa votiva ta' Dun Bosco ġewwa l-knisja ta' San Filippu kienet fl-istess ħin solenni u miġbura, immexxija, kif xieraq, mis-Senglejan, Dun Victor Mangion SDB, fejn il-kant tal-poplu kien megħjun u mħeġġeġ mill-ilħna tal-post, il-Kor *In Laetitia*. Fl-




*Il-Programm taż-żjara fil-Parroċċa*



*Is-Salesian Brigade fi Triq il-Vitorja fl-Isla*



*Il-korteo fi Triq il-Vitorja li beda minn quddiem il-Bażilika ta' Marija Bambina lejn il-knisja tal-Porto Salvo*

omelija tiegħu, Dun Victor ġabar fil-qosor il-ħajja ta' Dun Bosco għal dawk li forsi qed jibdew isiru jafuh. Wara l-Ewkaristija, sa tard filgħaxija, in-nies miġbura setgħu joqorbu lejn l-urna tal-qaddis biex jgħidu xi talba personali u jesprimu d-devozzjoni tagħhom.

Fost il-ħafna riflessjonijiet personali li għamilt f'dan il-waqt ta' filgħaxija, insemmi waħda biss: ir-rabta qawwija bejn Dun Bosco u l-qaddis Filippu Neri – dan tal-aħħar qed infakkru l-500 sena minn twelidu (21 ta' Lulju 1515). Minkejja t-300 sena li kienu jifirduhom, bla dubju, il-ħidma ta' Filippu maż-żgħażagħ foqra ta' Ruma kienet ta'



*Il-qaddis San Filippu Neri*




*L-urna ta' San Ġwann Bosco*

ispirazzjoni għal Dun Bosco; il-kunċett tal-Oratorju u l-istess kelma, Dun Bosco wiritha minn Filippu u żviluppaha; l-ispirtu ferrieħi li kkaratterizza l-qaddis Fjorentin f'Ruma kellu jsir element indispensabbli fl-ispirtu Salesjan. Hawn, mela, fil-Ponta tal-Isla, fejn għal tant snin kienu preżenti u attivi l-Oratorjani (jew Filippini) nistgħu ngħidu li Dun Bosco u Filippu Neri kellhom jiltaqgħu: laqgħa simbolika ta' żewġt iqlub magħqudin m'Alla u mħeġġa għall-ġid taż-żgħażagħ u



*L-urna ħierġa mill-Port il-Kbir lejn Turin fl-Italja*

l-fqar. Hawnhekk fl-Isla wkoll, il-ħolma ta' Dun Bosco tkompli.

Kien xieraq li ż-żjara tal-urna f'Malta ngħatat bidu hekk sabiħ fil-belt tagħna. Minn hawn marret ġeneralment fil-postijiet fejn jaħdmu jew kienu attivi s-Salesjani: Tas-Sliema, Ħad-Dingli, Ħal-Luqa, u Għawdex, kif ukoll f'San Bastjan ta' Ħal-Qormi għall-quddiesa solenni mmexxija minn Mons. Arċisqof. Daqshekk ieħor kien xieraq li hi u ħierġa l-urna mill-Port il-Kbir, fi triqitha lura lejn Turin, tirċievi t-tislima ferrieħa tal-qniepen ta' San Filippu. Jalla San Ġwann Bosco u San Filippu Neri jidħlu għalina quddiem Alla u jitfgħu ħarsithom u t-tbissima tagħhom mis-sema fuq it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna!


Red Mar
BUTCHER

Opening Hours:
Monday: 8.30 - 13.00
Tuesday: 8:00 – 13:30
Wednesday: 8:00 – 13.30
16:30 – 19:00
Thursday: 8:00 – 13:30
Friday: 8:00 – 13:30
16:30 – 19:00
Saturday: 8:00 – 14:00




Free Delivery

Red Mar Butcher
107, Victory Street,
Senglea
Tel: 2180 6126
Mob: 9982 3970

